KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.10.2004
KUMM(2004) 700 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW

fuq il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu

permezz ta' miżuri biex jittejjeb it-tpartit ta' informazzjoni, biex tissaħħaħ it-trasparenza u titkabbar it-traċċabilità ta' transazzjonijiet finanzjarji

WERREJ

1. DAĦĦLA 3

2. DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAL-ĠLIEDA KONTRA L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU 3

3. L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U T-TPARTIT U L-ANALIŻI TA' L-INFORMAZZJONI 4

3.1. Tpartit ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti 4

3.2. Tpartit ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-settur privat 5

3.3. Involviment tas-Settur Privat 6

4. L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U T-TRAċċABILITÀ TA' TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI 6

4.1. Investigazzjoni Finanzjarja 6

4.2. Trasferimenti ta' Fondi 7

4.3. Transazzjonijiet barra mis-sistema finanzjarja formali 7

4.4. Identifikazzjoni tal-Klijent 7

5. FINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U T-TRASPARENZA 8

5.1. Entitajiet Legali 8

5.2. Is-settur mhux għal skop ta' profitt/karitatevoli 8

6. L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U MIŻURI ORIZZONTALI 9

6.1. Iffriżar ta' l-Assi 9

6.2. Taħriġ Effettiv u Immirat 10

6.3. Riċerka dwar is-Sigurtà 10

6.4. Azzjoni Esterna 10

7. KONKLUŻJONIJIET 11

ANNESS 1 12

ANNESS 2 14

ANNESS 3 19

1. DAĦLA

Fil-laqgħa straordinarja tiegħu tal-21 ta' Settembru 2001, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġġieled kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Bi tweġiba għall-attakki terroristi tal-11 ta' Marzu 2004 f'Madrid, il-Kunsill Ewropew adotta id-Dikjarazzjoni fuq il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu[1]. Id-Dikjarazzjoni kkommettiet l-Unjoni u l-membri tagħha *"...li jagħmlu dak kollu fil-poter tagħhom biex jiġġieldu kull forma ta' terroriżmu..."* u identifikat numru ta' Għanjiet Strateġiċi biex jgħinu sabiex jiġi milħuq dan l-għan. Dawn jinkludu kundizzjoni fuq l-Unjoni u l-membri tagħha li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji *"biex inaqqsu l-aċċess tat-terroristi għal riżorsi finanzjarji u ekonomiċi oħra"*. Il-'Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE fuq il-ġlieda kontra t-Terroriżmu' rivedut[2], jissuġġerixxi proposti ddettaljati biex tiġi żviluppata l-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu.

Din il-Komunikazzjoni tikkonsidra liema miżuri oħra jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi trattat l-iffinanzjar tat-Terroriżmu bl-iżjed mod effettiv. Ibbażat fuq fatturi ddikjarati f'din il-Komunikazzjoni, Anness 1 jikkostitwixxi indikazzjoni ta' miżuri potenzjali oħra fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu li jridu jiġu eżaminati iżjed f'dak li għandu x'jaqsam mal-possibilità li dawn il-miżuri jiġu attwati u l-ispiża/benefiċċju. Anness 2 hija sommarju ta' miżuri ta' l-UE rilevanti għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu adottati minn Ottubru 2001. Anness 3 jsemmi miżuri rilevanti li huma bħalissa taħt diskussjoni.

2. DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAL-ĠLIEDA KONTRA L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU

L-iffinanzjar tat-Terroriżmu jikkomprendi żewġ aspetti distinti – l-iffinanzjar ta' attakki terroristi u dak ta' netwerks terroristi. L-isplużjonijiet ta' Madrid huma stmati li swew biss €8000. L-indikazzjonijiet huma li transazzjonijiet sabiex jiġu ffinanzjati netwerks terroristi, għall-kuntrarju ta' attakk speċifiku, ġeneralment jkollhom ukoll valur monetarju baxx. Minħabba li somom ta' din il-kwalità jistgħu jkunu żgħar u mhux probabbli li fihom infushom jiġġeneraw suspett huma u mexjin fis-sistema finanzjarja, *huwa diffiċli biex jinstabu t-transazzjonijiet finanzjarji għal-għan ta' l-iffinanzjar tat-Terroriżmu*.

Dan ma jfissirx li istituzzjonijiet finanzjarji m'għandhomx jippruvaw japplikaw it-teknika kontra l-ħasil tal-flus għall-iskoperta ta' l-iffinanzjar terroristiku. Madankollu dan jimplika li metodi addizzjonali, iċċentrati fuq l-akbar riskji identifikati mis-servizzi ta' sigurtà, għandhom jiġu żviluppati u wżati biex idgħajfu l-loġistika u l-operazzjonijiet ta' netwerks terroristi, li jiġi adottat trattament iżjed wiesa' milli purament it-tnixxif tal-flussi finanzjarji. Fuq kollox, għandna bżonn niżguraw li *l-finanzjaturi tat-terroristi jkollhom joperaw f'ambjent ostili fejn l-għażliet kollha huma b'riskju għoli*.

Sar progress importanti fuq il-livell ta' l-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iffinanzjar tiegħu[3]. Biex dawn ikunu effettivi fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu, għandhom

---

1 Brussell, id-29 ta' Marzu 2004, 7906/04
2 10586/04 tal-15 ta' Ġunju 2004
3 Ara Anness 1

ikunu implimentati kif xieraq u applikati mill-Istati Membri – għad fadal numru ta' nuqqasijiet importanti[4].

Tliet oqsma prinċipali jistgħu jiġu identifikati bħala rilevanti għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu: *kooperazzjoni mtejba fit-tpartit ta' informazzjoni, traċċabilità akbar ta' transazzjonijiet finanzjarji u trasparenza akbar ta' entitajiet legali*. Billi dawn jiġu indirizzati b'mod effettiv, benefiċċji oħra sinnifikanti jistgħu jiġu akkwistati fl-isfaxxar preventiv ta' attività terroristika, fit-tnaqqis ta' flussi finanzjarji lill-gruppi terroristi u ftehim akbar ta' netwerks terroristi.

Għandu jinstab il-bilanċ ġust bejn miżuri preventivi u dawk repressivi fuq naħa, u libertajiet ċivili fuq in-naħa l-oħra. Per eżempju, *għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li n-nazzjonalità jew l-affiljazzjoni reliġjuża ma jsirux raġuni biex persuna titpoġġa taħt suspett*. Informazzjoni speċifika jew raġunijiet oġġettivi oħra biex jiġi suspettat li persuna jista' jkollha involviment f'attivitajiet terroristi għandhom ikunu l-forza li tmexxi kull azzjoni preventiva u repressiva.

Kwistjonijiet ta' ħarsien tad-*data* huma ċentrali għal ħafna mid-dibattitu dwar kif jista' tiġi imtejba l-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu. Kull eżenzjoni mid-Direttivi tal-ħarsien tad-data tal-Komunità[5], bħall-prevenzjoni u l-iskoperta ta' delitti, għandha tkun neċessarja, rilevanti u prevista mil-liġi. *Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat ħarsien robust tad-data, huwa previst qafas legali koerenti fuq il-livell ta' l-Unjoni bbażat fuq kriterji komuni dwar l-ipproċessar ta' data personali*. Politika ta' din ix-xorta għandha tinkludi *protezzjoni xierqa* biex l-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet ta' informazzjoni, tal-pulizija, tad-dwana u ġudizzjali josserva l-*prinċipji* ta' ħarsien tad-data personali miġbura f'Artikolu 8 ta' l-Istatut tad-Drittijiet Fundamentali.

3. L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U T-TPARTIT U L-ANALIŻI TA' L-INFORMAZZJONI

3.1. Tpartit ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

Tpartit ta' informazzjoni bejn organi rilevanti fuq livell nazzjonali hija importanti daqs kemm hu dan ix-xorta ta' tpartit fuq il-livell ta' l-UE u dak internazzjonali. Fiż-żewġ każi hemm bżonn li *jiġu implimentati strutturi ta' kooperazzjoni u tpartit li jinkludu l-awtoritajiet fiskali, l-organi ta' superviżjoni finanzjarja, id-Dipartiment tal-Ġustizzja, il-komunità ta' informazzjoni, l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi u l-awtoritajiet inkarigati bl-iffriżar amministrattiv*[6]. *Network* ta' din ix-xorta jista' jkun il-forum għal tpartit strutturat ta' informazzjoni fuq persuni taħt investigazzjoni mill-organi parteċipattivi.

Il-Komunikazzjoni fuq it-titjib ta' l-aċċess għall-informazzjoni mill-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi ta' Ġunju 2004 ipproponiet azzjoni biex jittejjeb it-tpartit ta' informazzjoni bejn l-atturi

---

4 Per eżempju, ir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2004 fuq il-konformità ta' l-Istati Membri mad-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu jindika numru ta' nuqqasijiet fuq livell nazzjonali (KUMM(2004) 409).

5 Notevolment id-Direttiva ġenerali dwar Ħarsien tad-Data 95/46/KE u id-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u komunikazzjonijiet elettroniċi.

6 L-FEC ta' l-Olanda huwa eżempju ta' din it-tip ta' kollaborazzjoni u huwa netwerk li jinkludi s-Servizzi Ġenerali ta' Informazzjoni u Sigurtà, is-servizzi tat-taxxa, aġenzija li tinforza l-liġi fiskali u ekonomika.

rilevanti[7]. L-għan tagħha hu li tistabilixxi *kapaċità Ewropea ta' infurzar tal-liġi 'mmexxija mill-informazzjoni' li biha informazzjoni disponibbli tista' tiġi wżata mill-awtoritajiet kompetenti fil-ġlieda tagħhom kontra kriminalità organizzata u terroriżmu*.

Il-Komunikazzjoni[8] fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu tinkludi f'Anness Proposta għal *Deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti s-servizzi involuti kif ukoll lil Europol u Eurojust li jkollhom aċċess għall-informazzjoni l-aktar sħiħa u aġġornata*. L-obbligazzjoni li titpartat l-informazzjoni tapplika għall-offiżi terroristi kollha, inkluża l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terrorista permezz ta' kull forma ta' finanzjar.

L-FIU.NET, iffinanzjata mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, timmira li tistabilixxi netwerk ta' *computers* għat-tpartit ta' informazzjoni fost l-FIU. Skond id-definizzjoni riveduta ta' FIU adottata fil-laqgħa ta' Egmont ta' Ġunju 2004, l-FIU.NET se ssir element importanti fl-iffaċilitar tat-tqassim ta' informazzjoni relatata ma' l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu. *Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li finanzjar adegwat u riżorsi oħra xierqa jibqgħu jiġu pprovduti lill-FIU.NET*.

Il-proġett "SUSTRANS" tal-Europol jfittex li jistabilixxi konnessjonijiet bejn transazzjonijiet u attività terrorista assoċjata. Hemm bżonn aktar eżaminazzjoni dwar jekk rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi għal SUSTRANS għandhomx isiru parti mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol jew jekk għandux jiġi mwaqqaf *database* separat ta' din ix-xorta ta' rapporti għal dan il-għan. Ħafna Stati Membri mhux qegħdin jipprovdu data adegwata biex jippermettu l-proġett SUSTRANS li jakkwista l-potenzjal tiegħu[9]. Barra minn hekk, il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-Europol[10], li jestendi l-kompetenza tal-Europol għall-offiżi kollha ta' ħasil ta' flus, jippromwovi b'mod sinifikanti l-effettività tas-SUSTRANS, iżda għadu ma daħalx fis-seħħ minħabba ratifikazzjoni bil-mod tal-Protokoll minn ċerti Stati Membri[11]. Dawk l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Protokoll għandhom jagħmlu hekk b'urġenza.

Għandu jiġi promoss aktar l-użu ta' Skwadri Imħallta ta' Investigazzjoni f'investigazzjonijiet bejn fruntiera u oħra ta' l-iffinanzjar tat-Terroriżmu u huma adattati tajjeb biex joperaw ma' skwadri ta' l-infurzar tal-liġi, prosekuturi u mħallfin. It-tqassim ta' informazzjoni *ma' prosekuturi kriminali* jkabbar il-prospetti ta' prosekuzzjonijiet b'suċċess.

3.2. Tpartit ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-settur privat

Tpartit ta' data fi żmien reali bejn servizzi ta' infurzar tal-liġi/informazzjoni u s-settur privat b'mod ġenerali (transazzjonijiet finanzjarji imma wkoll xiri ta' biljetti ta' l-ajru, kera ta'

---

7 KUMM(2004) 429 tas-16.6.2004.

8 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fuq miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u forom oħra ta' delitti serji, b'mod partikolari biex jittejjeb it-tpartit ta' informazzjoni tad-29.3.2004 (KUMM(2004) 221).

9 F'Lulju 2004 id-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-Kummissjoni Ewropea kiteb lil dawk l-Istati Membri li rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Europol u li mhux qegħdin jipprovdu *data* adegwata għall-għan ta' SUSTRANS. L-ittra talbet li tiġi infurmata għaliex *data* rilevanti ma kienitx qiegħda tiġi pprovduta. Ġew mitluba risposti sal-20 ta' Settembru 2004.

10 Att tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2000 li jfassal Protokoll li jemenda Artikolu 2 u l-Anness għall-Konvenzjoni tal-Europol (ĠU C 358 tat-13 ta' Diċembru 2000).

11 Mill-ewwel 15 ta' l-UE l-Istati Membri li ġejjin irratifikaw il-Protokoll: il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Greċja, il-Portugall, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Mill-Istati Membri l-ġodda kollha rratifikaw il-Protokoll barra l-Estonja.

karozzi) jista' jilgħab rwol importanti f'attività ta' infurzar tal-liġi kemm preventiva kif ukoll repressiva fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iffinanzjar tiegħu. Dan jista' jippermetti s-sejba fi żmien reali ta' transazzjonijiet finanzjarji.

Is-settur finanzjarju m'għandux l-informazzjoni li l-FIU (u oħrajn) jistgħu jaħdmu biha meta janalizzaw transazzjonijiet suspettużi u sekwenzi finanzjarji ta' persuni suspettati. Nuqqas ta' aċċess dirett għall-informazzjoni jrażżan il-kapaċità ta' l-FIU li jikkonfigura *data* minn ħafna sorsi differenti. *Diskussjonijiet mal-komunità finanzjarja, mas-servizzi tas-sigurtà u l-FIU għandha tidentifika fejn hemm il-problemi u l-iżjed modi li jagħtu benefiċċji biex dawn jiġu indirizzati*. Mezz possibbli jista' jkun li tingħata lill-FIU *aċċess sħiħ għal databases apposta li jinsabu fil- u taħt il-kontroll tal-komunità finanzjarja*. Dan jaf jippermetti l-kollegament ta' suġġetti, l-identifikazzjoni ta' flussi ta' flus u s-sejba ta' sorsi. Biex jiġu indirizzati tħassib dwar il-privatezza, istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jagħtu aċċess fuq il-bażi ta' data "maqluba f'*code*".

3.3. Involviment tas-Settur Privat

Biex jiġi żgurat li l-komunità finanzjarja u fergħat oħra tas-settur privat jagħtu l-ogħla prijorità lill-ġlieda kontra t-terroriżmu, kuntatti fuq livell għoli għandhom jiġu mwaqqfa u miżmuma bejn aġenziji ta' infurzar tal-liġi speċjalizzati fit-terroriżmu u rappresentanti tas-settur privat. Mekkaniżmi adattati għal kooperazzjoni, tpartit ta' informazzjoni u *feedback* bejn servizzi ta' informazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu żviluppati aktar.

4. L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U T-TRAĊĊABILITÀ TA' TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI

4.1. Investigazzjoni Finanzjarja

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li servizzi ta' infurzar tal-liġi għandhom riżors biex jiżviluppaw abbiltajiet investigattivi finanzjarji li jippermettulhom li jsegwu traċċi ta' flus lura għall-persuna li tipprovdi l-finanzi u 'l quddiem għall-ċelluli terroristi. Investigazzjoni finanzjarja għandha tingħata prijorità fl-Istati Membri u għandha ssir parti mir-rutina ta' l-investigazzjonijiet ta' infurar tal-liġi ta' persuni suspettati b'terroriżmu.

Nomina jew twaqqif ta' organi nazzjonali dedikati għall-identifikazzjoni, sejba, iffriżar u konfiska ta' assi terroristi (u oħrajn kriminali) li jistgħu jgħaqqdu abbiltajiet investigattivi, fiskali u legali, għandhom jiġu ppromovuti. Organi ta' din ix-xorta jistgħu wkoll jirrapreżentaw l-punt ta' kuntatt kemm għat-tmexxija tal-komunità finanzjarja fuq l-iffriżar u kwistjonijiet relatati u kemm għall-awtoritajiet kompetenti ta' terzi pajjiżi dwar tismija ta' individwi jew gruppi. L-implimentazzjoni ta' netwerk ta' kooperazzjoni fost din ix-xorta ta' organi għandha tkun inkorraġġuta aktar[12].

Li jiġu stabbiliti konnessjonijiet adegwati bejn attivitajiet ta' l-iffinanzjar u attività terrrorista/attakki terroristi, jippermetti li data finanzjarja tiġi maqluba f'informazzjoni li tista' tiġi maqluba f'evidenza. Billi istituzzjonijiet finanzjarji jużaw mezzi ta' komunikazzjoni

[12] Permezz tal-programm ta' l-iffinanzjar tagħha AGIS għall-2004 il-Kummissjoni Ewropea qiegħda bħalissa tiffinanzja żewġ proġetti f'dan il-qasam, jiġifieri in-netwerk CARIN u eżaminazzjoni ta' strateġiji alternattivi ta' ħafna aġenziji flimkien għall-immirar għall-qligħ ta' attività kriminali – perspettiva ta' l-Unjoni Ewropea.

elettroniċi, ħidma mwettqa fil-ġbir ta' evidenza elettronika hija ta' importanza vitali. Proġett iffinanzjat fuq l-livell Ewropew bl-isem "CTOSE"[13], jimmira li jipprovdi fehim komuni tal-miżuri meħtieġa biex tiġi ppreżentata evidenza elettronika fil-Qorti. *Il-ġbir ta' evidenza elettronika għandha tiġi rikonoxxuta bħala priorità importanti.*

4.2. Trasferimenti ta' Fondi

Il-Kummissjoni Ewropea se tadotta abbozz ta' Regolament fuq *informazzjoni dwar il-pagatur li takkompanja trasferimenti ta' fondi* fil-ħarifa ta' l-2004. Din tistabbilixxi regoli fuq informazzjoni dwar il-pagatur li takkompanja it-trasferimenti ta' fondi, biex jiġi żgurat li informazzjoni bażika hija disponibbli immedjatament għall-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. *Il-proposta se tkabbar it-traċċabilità ta' trasferimenti ta' fondi u għandha tiġi implimentata mis-settur finanzjarju malajr kemm jista' jkun, li titlob għal adozzjoni mgħaġġla fil-Kunsill u l-Parlament*.

4.3. Transazzjonijiet barra mis-sistema finanzjarja formali

Sistemi informali ta' kif flus jiġu mibgħuta, eż. Hawala, huma mezzi importanti biex jitrasferixxu l-flus illeċiti. Il-Kummissjoni qegħda tipprepara abbozz ta' Direttiva fuq Qafas Legali Ġdid għal Pagamenti fis-Suq Intern biex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata ta' SR VI fil-liġi tal-Komunità. Ir-reġim regolatorju ppjanat għal min jibgħat il-flus se tipprevedi reġistrazzjoni tal-persuna li qiegħda tittrasmetti billi tintroduċi liċenzja speċjali u se tikkunsidra l-profil ta' riskju tal-provdituri billi jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' superviżjoni magħmula apposta għalihom.

Metodu preferut ta' moviment ta' fondi għal Finanzjar tat-Terroriżmu huwa permezz ta' individwi li jġorru l-flus kontanti u strumenti oħra ekwivalenti bejn fruntiera u oħra. It-teknoloġija biex jinkixef dan il-fenomenu għandha tiġi żviluppata u wżata tajjeb. Hemm ukoll bżonn urġenti li jiġi żgurat li strument ta' l-UE adattat jiġi adottat biex jiġi indirizzat l-użu ta' kurrieri tal-flus. *Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament fuq movimenti ta' flus kontanti[14], li n-negozjati dwarha diġà ġew mdewma iżjed min kemm hemm bżonn, għandha tingħata priorità biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' Pożizzjoni Komuni matul il-Presidenza ta' l-Olanda*.

L-użu ta' pagamenti ta' flus kontanti fuq skala kbira biex isir negozju jikkostitwixxi vulnerabbiltà għal-iffinanzjar tat-Terroriżmu li hija l-biċċa l-kbira mhux indirizzata. Il-proposta għat-tielet Direttiva dwar il-Ħasil ta' Flus testendi il-mekkaniżmu preventiv tas-sistema kontra l-ħasil tal-flus għal pagamenti fi flus kontanti għal oġġetti b'valur ta' aktar minn €15.000.

4.4. Identifikazzjoni tal-Klijent

Istituzzjonijiet finanzjarji diġà għandhom l-obbligu li *jidentifikaw u jkunu jafu l-klijenti tagħhom*. Dan hu essenzjali biex jassisti l-isforz ta' l-infurzar tal-liġi kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Jista' jkun hemm valur fi *kriterji minimi komuni għall-istituzzjonijiet finanzjarji*

---

13 http://www.ctose.org

14 Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus permezz ta' kooperazzjoni doganali (KUMM(2002)328-C5-0291/2002-2002/0132(COD)).

tal-UE f'dak li jirrigwarda verifikazzjoni ta' l-identità tal-klijenti u reġistrazzjoni ta' data li permezz tagħha ssir l-identifikazzjoni.

Tista' tingħata kunsiderazzjoni li jiġi stabbilit *database* elettroniku ta' kampjuni ta' dokumenti ta' l-identità tal-UE (u oħrajn) għall-infurzar tal-liġi u s-settur privat, inklużi eżempji ta' dokumenti falsifikati. Kontroll bir-reqqa ta' dokumenti preżentati jista' jgħin lill-awtoritajiet u n-negozji biex jidentifikaw falsifikazzjonijiet possibbli.

5. FINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U T-TRASPARENZA

5.1. Entitajiet Legali

In-nuqqas ta' kriterji internazzjonali f'mekkaniżmi importanti wżati fi transazzjonijiet finanzjarji globali, inklużi kumpaniji internazzjonali ta' negozju, fondi fiduċjarji u mezzi ta' l-iffinanzjar barra mill-pajjiż joħloq ammont ta' opaċità finanzjarja ta' vantaġġ reali għal dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu. Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-intenzjoni li tibda analiżi ta' spiża u benefiċċju fuq firxa wiesgħa ta' miżuri ta' trasparenza biex tikkontribwixxi għal dan id-dibattitu li għadu sejjer.

Li tiġi mtejba t-trasparenza ta' persuni legali hija element importanti fl-oppożizzjoni ta' l-infiltrazzjoni minn organizzazzjonijiet terroristi u s-simpatizzanti tagħhom. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Marzu 2004 fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu tefgħet dawl fuq il-benefiċċji potenzjali f'li jiġu inklużi f'leġislazzjoni dwar il-formazzjoni u l-amministrazzjoni ta' persuni legali, *mekkaniżmi għall-iskwalifika ta' individwi jew kumpaniji ikundannati b'offiżi relatati ma' terroriżmu jew kriminalità organizzata*. Bl-istess mod mekkaniżmu effettiv għat-tpartit ta' informazzjoni fuq kundanni fl-UE, jista' jgħin fil-prevenzjoni milli gruppi terroristi u/jew il-finanzjaturi tagħhom jinfiltraw f'attivitajiet leġittimi.

5.2. Is-settur mhux għal skop ta' profitt/karitatevoli

It-trasparenza hija kwistjoni mill-aktar importanti f'dak li jirrigwarda s-settur karitatevoli/mhux bi skop ta' profitt. In-numru ta' organizzazzjonijiet karitatevoli/mhux bi skop ta' profitt u l-ammont ta' għajnuna li jqassmu żdiedu b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin. Ħafna minn dawn l-organizzazzjonijiet jiġbru flus destinati għal żoni ta' kunflitt. Meta l-flus jaslu f'dawn iż-żoni, il-possibilità li wieħed iserraħ fuq il-kooperazzjoni internazzjonali biex tinstab id-destinazzjoni tagħhom, tonqos ħafna, partikolarment fejn il-fondi huma mmexxija madwar dawn it-territorji f'forma ta' flus kontanti.

Kriterju minimu ta' regolazzjoni mifrux ma' l-UE maħluq biex iżid it-trasparenza tas-settur għandu jkun esplorat aktar[15]. Dan jista' jieħu l-forma ta' regolament li jorbot jew ta' Kodiċi ta' Kondotta għas-settur volontarju. Kriterji adattati ta' trasparenza jistgħu jinkludu pubblikazzjoni annwali ta' kontijiet verifikati b'mod indipendenti, regoli ta' kontroll korporattiv, u kundizzjoni li tiġi pproduċuta traċċa ta' verifikazzjoni għall-ħruġ. Jekk wieħed iżomm f'moħħu n-numri kbar ta' organizzazzjonijiet mhux bi skop ta' profitt/karitatevoli bbażati barra mill-UE imma b'uffiċċji f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri, miżuri ta' trasparenza jeħtieġu wkoll li jkollhom impatt barra l-UE.

---

[15] Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda torganizza *workshop* fid-29 ta' Ottubru fuq il-kwistjoni ta' trattament ta' l-UE biex jiġi prevedut abbuż tas-settur karitatevoli għall-għan ta' l-iffinanzjar tat-Terroriżmu.

F'bosta Stati Membri s-settur karitatevoli jgawdi *status* fiskali speċjali biex b'hekk awtoritajiet fiskali jkollhom informazzjoni ddettaljata fuq dħul u ħruġ ta' ħafna mill-organi tas-settur karitatevoli. Ir-rwol ta' l-*awtoritajiet fiskali fil-kuntest tar-Rakkomandazzjoni Speċjali VIII għandu jkun kunsidrat aktar*.

Il-Kummissjoni Ewropea *se tkabbar il-ġbir awtomatiku ta' informazzjoni, l-għodda ta' akkwist u analiżi ta' informazzjoni tagħha, biex japplikaw għas-settur karitatevoli*. Il-Kummissjoni se tmexxi studju tal-possibilita' ta' attwazzjoni, b'*input* mill-Europol, biex jimmarka s-settur karitatevoli fil-25 ta' l-UE flimkien ma' numru ta' dimensjonijiet li jistgħu jgħinu biex jinstab riskju għoli ta' l-iffinanzjar tat-Terroriżmu u attività kriminali oħra. L-istudju huwa wkoll mistenni li jinkludi reviżjoni ta' sforzi nazzjonali ta' analiżi tar-riskju, jekk hemm, u se jipprova jistabilixxi metodoloġija li twassal għal indikaturi ta' vulnerabbiltajiet u riskju.

6. L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU U MIŻURI ORIZZONTALI

6.1. Iffriżar ta' l-Assi

Il-mekkaniżmu ta' l-UE għat-tismija ta' terroristi u organizzazzjonijiet terroristi barra minn Al-Qaeda[16], mwaqqaf b'mod partikolari biex jippermetti l-iffriżar ta' assi, ma pproduċiex lista li tista' titqies sħiħa u interament effettiva. Interpretazzjonijiet diverġenti tal-kundizzjonijiet għat-tismija u d-dewmien li jirriżulta kkawżat mill-kundizzjoni ta' unanimità jidhru li huma l-kawża prinċipali ta' dan, waqt li nuqqas ta' tmexxija għal terzi pajjiżi li għandhom l-intenzjoni li jagħmlu talba għal tismija seta' wkoll kellu l-impatt tiegħu. Interpretazzjoni u trattament stàndard fuq oqsma ta' diverġenza huwa rekwiżit importanti biex tittejjeb l-effettività, inklużi:

– *tismija ta' gruppi jew entitajiet li semmew lilhom infushom mill-ġdid wara tismija;*

– *tismija ta' 'organizzazzjonijiet ewlenija';*

– *tismija ta' mexxejja ta' gruppi jew entitajiet li ġew imsemmija diġà*.

Il-Lista elettronika Konsolidata ta' Sanzjonijiet Finanzjarji Immirati hija inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea u l-banek Ewropej[17] flimkien. Hija *database* konsolidat ta' persuni u entitajiet suġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji ta' l-UE. Minħabba li sanzjonijiet finanzjarji huwa applikabbli fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali, *il-Kummissjoni se tistinka biex tiżgura li d-database jkun aġġornat fl-istess ġurnata bħall-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali*. Istituzzjonijiet finanzjarji talbu tmexxija dwar kriterji mqabbla dwar jekk persuna partikolari hijiex persuna msemmija. Din ix-xorta ta' tmexxija żżid l-effettività ta' sanzjonijiet u, minħabba li għandha x'taqsam ma' sanzjonijiet finanzjarji ta' l-UE, għandha preferibbilment tiġi pprovduta mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni (eż. f'rakkomandazzjoni).

---

16 Pożizzjoni Komuni 2001/931/CFSP u Regolament (KE) Nru. 2580/2001.

17 Federazzjoni Bankarja Ewropea, Grupp Ewropew tal-Banek tat-Tifdil, Assoċjazzjoni Ewropea tal-Banek Kooperattivi, Assoċjazzjoni Ewropea tal-Banek Pubbliċi.

6.2. Taħriġ Effettiv u Immirat

Il-preżenza ta' numri adattati ta' persuni mħarrġa kif jixraq fi ħdan awtoritajiet kompetenti u s-settur privat hija essenzjali.

Għandu jitmexxa 'l quddiem il-bżonn għal numru adegwat ta' investigaturi finanzjarji mħarrġa. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Europol bdew proġett flimkien biex jistabilixxu kriterji minimi komuni fil-qasam ta' taħriġ investigattiv finanzjarju fl-UE. *Dan se jfittex li jippromwovi l-aħjar prattika u trattament minimu komuni għat-taħriġ investigattiv finanzjarju.*

CEPOL għandha rwol importanti x'tilgħab fl-iżvilupp ta' kultura Ewropea ta' investigazzjoni finanzjarja u taħriġ ieħor fost uffiċjali mlaħħqa tal-pulizija u fil-firxa ta' l-aħjar prattika f'dan il-qasam vitali.

6.3. Riċerka dwar is-Sigurtà

Il-Kummissjoni Ewropea tamministra attivitajiet ta' riċerka kontra t-terroriżmu li jistgħu jagħtu sostenn, fost affarijiet oħra, lill-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu. L-*"Azzjoni Preparattiva fuq it-Tkabbir tal-potenzjal industrijali Ewropew fil-qasam tar-Riċerka dwar is-Sigurtà"* għandha bàġit ta' € 15-il miljun għall-2004 u bàġit ippjanat ta' € 24 u € 26-il miljun għal 2005 u 2006 rispettivament. "*Grupp ta' Personalitajiet*" (GoP) ġie mwaqqaf fl-2003 u mogħti x-xogħol li jipproponi orjentazzjonijiet, prinċipji u prioritajiet importanti għal Programm ta' Riċerka dwar is-Sigurtà Ewropew għal futur ("ESRP") skond objettivi tal-politika ta' l-UE. Ir-rapport tal-GoP[18] jirrakkomanda t-twaqqif ta' ESRP mill-2007 'l quddiem b'finanzjament ta' mill-inqas €1 billjun kull sena li jiżdiedu mar-riżorsi eżistenti bħalissa. Bħala tkomplija ta' dak li nbeda diġà, il-Kummissjoni adottat fis-7.9.2004 **Komunikazzjoni** intitolata **"Riċerka dwar is-Sigurtà: il-Passi li Jmiss"**[19] Hija nnutat ir-rakkomandazzjoni tar-rapport, li tesprimi l-bżonn għat-twaqqif ta' Bord Konsultattiv dwar Riċerka dwar is-Sigurtà Ewropew biex jagħti parir fuq il-kontenut u l-implimentazzjoni ta' l-ESRP u għas-sottomissjoni ta' proposta għal ESRP fil-bidu ta' l-2005, biex isir parti mis-seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka tal-Komunità mill-2007 'l quddiem. Oqsma fejn aktar riċerka għandha tiġi inkoraġġuta jinkludu soluzzjoni ta' problemi mqassma fost l-awtoritajiet kompetenti ta' l-UE u konfigurazzjonijiet soċjali-informattivi speċifiċi għal ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu effettiva u koordinata.

6.4. Azzjoni Esterna

Il-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu għandu jilgħab parti integrali tad-djalogu politiku u ta' programmi ta' assistenza teknika tal-UE ma' terzi pajjiżi, inkluż l-iżvilupp ta' djalogu *ad hoc* fuq il-livell ta' l-esperti. Sforzi flimkien biex jiġi miġġieled l-iffinanzjar tat-Terroriżmu se jkompli jkun ukoll parti importanti u regolari ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-SU.

Irkejjen finanzjarji moħbija li jippermettu bankjar u strutturi korporattivi opaki jipprovdu kenn għal flus tat-terroriżmu. L-Unjoni Ewropea għandha tippromwovi trasparenza u tpartit ta' informazzjoni akbar ma' terzi pajjiżi u territorji dipendenti jew assoċjati. Azzjoni pożittiva tista' tgħin l-imsieħba kooperattiva jegħlbu d-diffikultajiet ta' natura regulattiva, teknika jew

---

[18] « Riċerka għal Futur fiż-Żgur », Rapport tal-GoP fil-qasam ta' Riċerka dwar is-Sigurtà, ISBN 92-894-6611-1, Uffiċċju tal-Lussemburgu għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2004.

[19] KUMM(2004) 353

ekonomika meta jintroduċu iżjed trasparenza, f'forma ta' assistenza teknika irrinforzata, fejn l-UE bħala ħaġa waħda għandha esperjenza konsiderevoli, jew permezz ta' xi forma ta' sostenn ekonomiku. Ir-reviżjonijiet annwali jew fin-nofs tat-term ta' Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż jista' wkoll jipprovdi għal azzjonijiet adattati. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-effiċjenza u l-progress magħmul minn paradisi finanzjarji barranin lejn aktar trasparenza.

7. KONKLUŻJONIJIET

Li tkun magħmula iżjed diffiċli għal terroristi li jiġbru l-flus hija element wieħed mill-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu. Barra minn hekk, is-sejba ta' transazzjonijiet finanzjarji u oħrajn hija mezz effettiv biex jinstabu t-terroristi u dawk li jtuhom sostenn u biex tiġi sfrattata attività terrorista. Dan jiġi ffaċilitat permezz ta' aktar trasparenza ta' transazzjonijiet finanzjarji u entitajiet legali, inklużi dawk li joperaw fis-settur li mhux għal skop ta' profitt. Biex inkunu verament effettivi u biex nakkwistaw tpartit ta' data fi żmien reali f'attività preventiva u repressiva fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu, għandna bżonn nindirizzaw kooperazzjoni iżjed mill-qrib u mekkaniżmi mkabbra għat-tpartit ta' informazzjoni fuq il-livelli nazzjonali, ta' l-UE u internazzjonali kemm fost l-awtoritajiet kompetenti u kemm bejn dawn ta' l-aħħar u s-settur privat.

ANNESS 1

Miżuri Possibbli fil-Futur rilevanti għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu

Tpartit ta' Informazzjoni:

- Li jiġu stabbiliti mekkaniżmi adattati biex tiġi akkwistata koordinazzjoni multilaterali ma' l-awtoritajiet u l-organi kollha involuti fis-superviżjoni u s-sejba ta' irregolaritajiet fis-settur finanzjarju (li jinkludu awtoritajiet fiskali, organi ta' superviżjoni finanzjarja, Dipartiment tal-Ġustizzja, komunità ta' l-informazzjoni, awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi, awtoritajiet inkarigati mill-miżuri ta' iffriżar amministrattiv).

- Li jiġu promossi mekkaniżmi adattati ta' tqassim ta' informazzjoni bejn is-servizzi ta' informazzjoni u l-prosekuturi.

- Li jiġi promoss l-infurzar tal-liġi mmexxi mill-informazzjoni billi jiġi żgurat aċċess għall-informazzjoni tas-settur privat biex jiffaċilita l-ġbir ta' informazzjoni fuq, l-iskoperta u s-sejba ta' persuni suspettati.

- Li jiġi promoss l-involviment u mekkaniżmi oħra biex jiffaċilitaw is-sejba fi żmien reali u t-tpartit ta' data permezz tas-sistema finanzjarja u oħrajn.

- Li jiġu kkunsidrati modi kif tittejjeb il-komunikazzjoni bejn l-FIU u l-komunità finanzjarja permezz ta' aċċess akbar għad-*databases* rilevanti.

Traċċabbiltà ta' Transazzjonijiet Finanzjarji:

- Li tiġi promossa l-investigazzjoni finanzjarja bħala teknika ta' infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. Li jiġi inkorraġġut l-iffissar ta' kriterji minimi komuni fi kriterji ta' taħriġ fl-investigazzjoni finanzjarja fl-UE permezz ta' Kummissjoni Mħallta/proġett tal-Europol).

- Li jiġi promoss it-twaqqif ta' organi nazzjonali dedikati għall-identifikazzjoni, sejba, iffriżar u konfiska ta' assi terroristi (u oħrajn kriminali) u għall-implimentazzjoni ta' netwerk ta' kooperazzjoni fost dawn l-organi biex jiffaċilita kooperazzjoni fis-sejba ta' fondi terroristi jew oħrajn kriminali li jiċċaqalqu malajr.

- Li jiġu promossi miżuri organizzattivi u tekniċi meħtieġa biex tiġi ppreżentata evidenza elettronika fil-Qorti.

- Li jiġi kkunsidrat il-bżonn ta' kriterji minimi ta' l-UE komuni għall-verifikazzjoni ta' l-identità tal-klijent.

- Li jiġi kkunsidrat il-każ għall-*database* b'kampjuni tad-dokumenti ta' l-identità kollha maħruġa fl-UE u barra mill-UE biex jiffaċilita s-sejba ta' karti ta' l-identità foloz mill-istituzzjonijiet finanzjarji meta jivverifikaw l-identità tal-klijent.

- Li tingħata direzzjoni fuq it-tqabbil ta' kriterji li għandhom jiġu applikati meta jiġi kkontrollat jekk persuna partikolari hija persuna msemmija biex tittejjeb l-effettività ta' sanzjonijiet finanzjarji (ara Taqsima 6.1).

Trasparenza:

- Li jiġi kkunsidrat liema miżuri oħra jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżdied it-trasparenza ta' entitajiet legali waqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet kollha li għandhom isiru fl-Istudju ppjanat tal-Kummissjoni fuq valutazzjoni ta' l-ispiża u l-benefiċċju mill-miżuri ta' trasparenza.

- Li jiġu kkunsidrati mekkaniżmi oħra mifruxa ma' l-UE għall-iskwalifika ta' individwi ta' kumpaniji kkundannati b'offiżi relatati ma' terroriżmu jew kriminalità organizzata.

- Fis-settur mhux għal skop ta' profitt/karitatevoli li jiġu valutati miżuri u mekkaniżmi ta' trasparenza adattati mifruxa ma' l-UE biex jiżguraw konformità ma' dawn flimkien ma' metodi biex jiġi identifikat riskju għoli ta' l-iffinanzjar tat-Terroriżmu jew attività kriminali oħra.

Iffriżar ta' Assi:

- Li tiġi promossa interpretazzjoni stàndard fuq it-tismija ta' gruppi jew entitajiet li semmew lilhom infushom mill-ġdid wara t-tismija, tismija ta' 'organizzazzjonijiet ewlenija', tismija ta' mexxejja ta' gruppi jew entitajiet li ġew msemmija diġà.

ANNESS 2

1. Miżuri Adottati fil-livell ta' l-UE rilevanti għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-Terroriżmu.

Minn Ottubru 2001 numru importanti ta' azzjonijiet ittieħdu fil-livell ta' l-UE immirati li jiġġieldu t-terroriżmu kif ukoll li jipprevjenu l-akkwist, iż-żamma u l-użu ta' fondi jew assi minn organizzazzjonijiet ta' din ix-xorta. Meħuda flimkien ma' azzjonijiet preċedenti, dawn jikkostitwixxu miżuri b'saħħithom fl-arsenal ta' l-Unjoni biex tiġġieled it-terroriżmu u l-iffinanzjar tiegħu.

Azzjonijiet Leġislattivi

1.1. L-Att tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2001 li jistabilixxi, skond l-Artikolu 34 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU C 326 tal-21 ta' Novembru 2001 p.1)

Dan l-Att jipprovdi għat-tpartit ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kontijiet bankarji miżmuma minn xi persuna li hi suġġetta għal investigazzjonijiet kriminali. Għada ma ġietx ratifikata u l-Istati Membri huma mħeġġa li jgħaġġlu dan il-proċess.

1.2. Id-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE fuq il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-għan ta' ħasil tal-flus (ĠU L 344 tat-28 ta' Diċembru 2001, p. 76)

It-tieni Direttiva dwar ħasil ta' flus, li temenda d-Direttiva ta' l-1991, ġiet adottata f'Diċembru 2001. Id-definizzjoni ta' attività kriminali li tirriżulta f'ħasil ta' flus hija mwessa' biex tinkludi kull delitt organizzat u firxa wiesgħa ta' delitti serji, inklużi offiżi relatati ma' terroriżmu. Il-professjonijiet li huma mitluba li jirraportaw suspetti ta' ħasil ta' flus, barra minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u relatati, issa jinkludu *accountants*, avukati, nutara, aġenti ta' proprjetà immobiljari, każinos u negozjanti ta' oġġetti ta' valur għoli.

1.3. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 li testendi l-mandat tal-Europol biex jittratta forom serji ta' kriminalità internazzjonali msemmija fl-Anness għall-Konvenzjoni tal-Europol (ĠU C 362 tat-18 ta' Diċembru 2001, p.1)

L-effett ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill kien li jawtorizza l-Europol li jittratta forom serji ta' kriminalità internazzjonali msemmija fl-Anness għall-Konvenzjoni tal-Europol, bħall-qtil, feriti gravi, ħtif ta' tfal, it-tehid ta' ostaġġi, serq organizzat u traffikar illeċitu ta' armi. Il-mandat tal-Europol issa jinkludi sostenn għall-infurzar tal-liġi kontra kriminalità internazzjonali organizzata serja, inkluż it-terroriżmu.

1.4. Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (2001/930/CFSP) (ĠU L 344 tat-28 ta' Diċembru 2001, p. 90)

Il-Pożizzjoni Komuni tissuġġerixxi numru ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-miżuri prinċipali inklużi fil-Pożizzjoni Komuni huma: li jiġi kriminalizzat l-iffinanzjar tat-terroriżmu fi ħdan l-UE, l-iffriżar ta' assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi ta' persuni jew entitajiet involuti fit-terroriżmu, li tiġi ppojbita l-għotja ta' assistenza finanzjarja jew assistenza oħra lil dawn il-persuni jew entitajiet, li jintalbu miżuri li għandhom jittieħdu biex titwaqqaf kull forma ta' sostenn lil dawk involuti f'atti terroristi, li jittieħdu passi biex jipprevjenu atti terroristi u li jiġi miċħud kenn mhux perikoluż lil dawk involuti f'atti ta' din ix-xorta.

1.5. Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-27 ta' Diċembru 2001 fuq l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġi miġġieled it-terroriżmu (2001/931/CFSP) (ĠU L 344 tat-28 ta' Diċembru 2001, p. 93)

Il-Pożizzjoni Komuni tistabilixxi l-lista primarja ta' persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti terroristi[20]. Hija tiddikjara l-kriterji li għandhom jiġu wżati biex jiġi deċiż min għandu jiġi kkunsidrat bħala terroristi għall-inklużjoni fuq il-lista u l-atti li jikkostitwixxu atti terroristi. L-ismijiet fuq il-lista għandhom jiġu riveduti mill-inqas darba kull sitt xhur. Taħt il-Pożizzjoni Komuni l-Komunità Ewropea hija mitluba li tordna l-iffriżar tal-fondi u assi finanzjarji oħra jew riżorsi ekonomiċi ta', u l-projbizzjoni ta' proviżjoni ta' servizzi finanzjarji lill-, persuni, gruppi jew entitajiet msemmija. L-Istati Membri huma mitluba li jagħtu 'l xulxin assistenza fil-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra atti terroristi.

1.6. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 fuq miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 344 tat-28 ta' Diċembru 2001, p. 70)

Ir-Regolament jipprovdi għall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, gruppi u entitajiet involuti fit-terroriżmu, għal projbizzjoni li fondi, riżorsi finanzjarji u ekonomiċi jkunu disponibbli għal dawn il-persuni, gruppi jew entitajiet u għal projbizzjoni tal-proviżjoni ta' servizzi finanzjarji lilhom. Huwa jawtorizza lill-Kunsill li jistabilixxi u jżomm lista ta' persuni, gruppi jew entitajiet involuti fit-terroriżmu[21]. Huwa wkoll pprovdut sabiex tingħata awtorità għall-użu ta' fondi ffriżati skond ir-Regolament biex jintlaħqu bżonnijiet umani essenzjali u għall-ċerti pagamenti oħra (eż. taxxi, kontijiet ta' utilità eċċ.).

1.7. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Diċembru 2001 li tistabilixxi l-lista msemmija f'Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2580/2001 fuq miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (2001/927/KE) (ĠU L 344 tat-28 ta' Diċembru 2001, p. 83)

Din id-deċiżjoni fiha lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għandhom jiġu applikati kontrihom miżuri restrittivi speċifiċi skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2580/2001. Lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri imposti mir-Regolament ġiet ippubblikata seba' darbiet, l-aħħar pubblikazzjoni tkun tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/306/KE.

---

[20] L-aħħar verżjoni tal-lista hija mniżżla f'Pożizzjoni Komuni 2004/500/CFSP.

[21] L-aħħar verżjoni tal-lista hija mniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/306/KE.

1.8. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 li twaqqaf il-Eurojust bil-għan li tiġi rrinfurzata l-ġlieda kontra kriminalità serja (2002/187/JHA) (ĠU L 63 tas-6 ta' Marzu 2002 p.1)

Din id-Deċiżjoni tistabilixxi l-Eurojust, li għandu jkun iffurmat minn prosekuturi, mħallfin u uffiċċjali tal-pulizija appoġġjati, minn kull Stat Membru. L-objettivi ta' Eurojust huma li jistimola u jtejjeb il-koordinazzjoni, bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet, li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u li jagħti sostenn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex jirrendu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom iżjed effettivi.

1.9. Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2002 dwar miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban u individwi, gruppi, intrapriżi u entitajiet oħra assoċjati magħhom u li tirrevoka Pożizzjonijiet Komuni 96/746/CFSP, 1999/727/CFSP, 2001/154/CFSP u 2001/771/CFSP (2002/402/CFSP) (ĠU L 139 tad-29 ta' Mejju 2002, p.4)

Hija tipprojbixxi l-provvista ta' armi eċċ. lil Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjoni ta' Al-Qaida u t-Taliban u persuni jew gruppi assoċjati skond UNSCR 1267(1999) u 1333(2000). Hija tipprovdi wkoll għall-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom u tipprojbixxi li jkunu disponibbli għalihom fondi u riżorsi ekonomiċi. Il-Pożizzjoni Komuni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti.

1.10. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u tirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afghanistan, li ssaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjir u li testendi l-friża tal-fondi u riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban ta' l-Afghanistan (ĠU L 139 tad-29 ta' Mejju 2002, p. 9)

Ir-Regolament jiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta', u jipprojbixxi li jkunu disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi għal, numru kbir ta' persuni, gruppi u entitajiet li huma mniżżlin f'Anness. Il-Kummissjoni emendat ir-Regolament fi 36 okkażżjoni sabiex tiġi aġġornata l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li huma suġġetti għar-restrizzjonijiet ddikjarati fir-Regolament, l-aħħar pubblikazzjoni tkun dik tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1728/2004. Modifikazzjoni tal-lista huwa proċess kontinwu.

1.11. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Qafas tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq *teams* ta' investigazzjoni flimkien (2002/465/JHA) (ĠU L 162 ta' l-20 ta' Ġunju 2002, p. 1)

Id-Deċiżjoni ta' Qafas hija intenzjonata li tagħmel il-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali effettiva kemm jista' jkun. Hija kkunsidrat li hu adattat li strument speċifiku li jorbot legalment fuq *teams* ta' investigazzjoni flimkien għandu jiġi adottat biex japplika għal investigazzjonijiet flimkien fi traffikar ta' drogi/umani u terroriżmu u li għandhom jitwaqqfu, bħala kwistjoni ta' prioritá, biex jiġu miġġielda offiżi mwettqa minn terroristi. Id-Deċiżjoni ta' Qafas tipprovdi li tnejn jew aktar mill-Istati Membri jistgħu jistabilixxu *teams* ta' investigazzjoni flimkien għal għan speċifiku u għal perjodu limitat biex iwettqu investigazzjonijiet kriminali f'wieħed

jew aktar mill-Istati li jistabilixxu t-*team*. L-Istati Membri huma meħtieġa li jikkonformaw mad-Deċiżjoni ta' Qafas sa l-1 ta' Jannar 2003.

1.12. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Qafas tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu (2002/475/JHA) (ĠU L 164 tat-22 ta' Ġunju 2002, p.3)

Id-Deċiżjoni ta' Qafas titlob li l-Istati Membri jadottaw definizzjoni komuni ta' offiża terrorista kif iddikjarata f'Artikolu 1. Hija tobbliga wkoll l-Istati Membri biex jikkriminalizzaw ċerti azzjonijiet relatati ma' gruppi terroristi jew terroriżmu, bħat-tmexxija jew il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terrorista inkluż billi tiffinazja l-attivitajiet tiegħu b'xi mod, kif ukoll billi xxewwex, tgħin jew tħajjar u tipprova twettaq offiża terrorista. L-Istati Membri kellhom jikkonformaw mad-Deċiżjoni ta' Qafas sal-31 ta' Diċembru 2002. F'Ġunju 2004 il-Kummissjoni pproduċiet rapport li janalizza l-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jikkonformaw mad-Deċiżjoni ta' Qafas (KUMM(2004) 409 tat-8.6.2004).

1.13. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Qafas tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn Stati Membri (2002/584/JHA) (ĠU L 190 tat-18 ta' Lulju 2002, p.1)

Id-Deċiżjoni ta' Qafas tipprovdi għall-eżekuzzjoni f'kull Stat Membru ta' deċiżjoni ġudizzjarja magħmula fi Stat Membru ieħor għall-arrest u ċediment ta' persuna għal proċeduri kriminali jew għal eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja. L-offiżi inklużi fid-Deċiżjoni ta' Qafas jinkludu t-terroriżmu. Wara l-1 ta' Jannar 2004 estradizzjoni bejn Stati Membri se titmexxa minn regoli adottati skond id-Deċiżjoni ta' Qafas. L-Istati Membri huma meħtieġa li jikkonformaw mad-Deċiżjoni ta' Qafas sal-31 ta' Diċembru 2003.

1.14. Id-Direttiva dwar Kummerċ Illegali minn min ikollu Tagħrif minn Ġewwa u Manipulazzjoni tas-Suq (Abbuż tas-Suq) (2003/6 tat-28 ta' Jannar 2003) (ĠU L 96 tat-12 ta' April 2003, p. 16-25)

Id-Direttiva dwar Negozju illegali minn min għandu tagħrif minn ġewwa u Manipulazzjoni tas-Suq (Abbuż tas-Suq) ġiet adottata mill-Kunsill u l-Parlament fit-3 ta' Diċembru 2002. It-terroristi jistgħu jabbużaw mis-swieq finanzjarji permezz ta' attivitajiet finanzjarji permezz ta' negozju illegali minn min għandu tagħrif minn ġewwa jew manipulazzjoni tas-suq (jintużaq flus ndaf b'mod maħmuġ) jew billi jinħaslu flus "maħmuġa" fis-swieq finanzjarji permezz ta' negozju illegali minn min għandu tagħrif minn ġewwa u manipulazzjoni tas-suq. Id-Direttiva dwar Abbuż tas-Suq tikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra attivitajiet kriminali fis-swieq finanzjarji.

1.15. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi għal kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja biex jiġi miġġieled it-terroriżmu skond l-Artikolu 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/CFSP (2003/48/JHA) (ĠU L 16 tat-22 ta' Jannar 2003, p. 68)

Id-Deċiżjoni hija relatata ma' l-aċċess u l-ġbir ta' informazzjoni dwar u li jirriżulta minn investigazzjonijiet u proċeduri kriminali f'dak li jirrigwarda offiżi terroristi li jinvolvu xi wieħed mill-persuni, gruppi jew entitajiet mniżżlin fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/CFSP bil-għan li din tiġi komunikata lill-Europol u l-

Eurojust. L-informazzjoni fil-kwistjoni għandha x'taqsam ma' l-identità tal-persuna, grupp jew entità, l-atti taħt investigazzjoni jew prosekuzzjoni u konnessjonijiet ma' każi relatati. F'każijiet li jinvolvu lil xi persuna, grupp jew entita' mniżżlin fil-lista d-Deċiżjoni titlob ukoll għal *teams* ta' investigazzjoni flimkien f'każijiet adattati, trattament urġenti ta' talbiet għal assistenza legali u rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi reċiproku b'konnessjoni ma' offiżi terroristi u t-tqassim ta' informazzjoni.

1.16. Ir-Ratifikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali skond UN SC Riżoluzzjoni 1373 (2001)

Skond riżoluzzjoni 1373 (2001), Stati Membri aċċettaw impenn politiku, permezz ta' Artikolu 14 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/930/CFSP li jsiru parti mill-Konvenzjoni tal-UN għat-Trażżin ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu (New York, 9 ta' Diċembru 1999) u 12-il konvenzjoni oħra fuq it-Terroriżmu.

1.17. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Qafas 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 fuq l-eżekuzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ordnijiet biex tiġi ffriżata proprjetà jew evidenza. (ĠU L 196 tat-2 ta' Awissu 2003, p. 45)

Din id-Deċiżjoni ta' Qafas tintroduċi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ġudizzjarji li jiffriżaw proprjetà u evidenza. Hija tistabilixxi r-regoli skond liema l-Istati Membri jridu jirrikonoxxu u jesegwixxu dawn l-ordnijiet maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' Stat Membru ieħor. Hija tapplika għal ordnijiet ta' ffriżar maħruġa biex tiġi żgurata l-evidenza jew il-konfiska segwenti tal-proprjetà. Għal dan il-għan it-terroriżmu huwa inkluż fost l-offiżi li għalihom l-ebda verifikazzjoni ta' kriminalità doppja ma hi meħtieġa.

ANNESS 3

1. MIŻURI LI HUMA GĦADDEJJIN FUQ LIVELL TA' L-UE RILEVANTI GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-IFFINANZJAR TAT-TERRORIŻMU

1.1. Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas fuq il-Konfiska ta' Qliegħ relatati ma' kriminalità, Strumentalitajiet u Proprjetà

L-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas jipprova jarmonizza ċerti kundizzjonijiet relatati ma' konfiska fl-Istati Membri, notevolment b'konnessjoni ma' "konfiska estiża". Skond dan il-kunċett, il-Qorti għandu jkollha l-poter f'ċerti ċirkostanzi li tordna l-konfiska ta' l-assi ta' persuna kkundannata fejn il-Qorti hija kompletament konvinta, *inter alia*, li l-assi tal-persuna ġejjin minn attività kriminali oħra. Id-Deċiżjoni ta' Qafas irċeviet qbil politiku f'Diċembru 2002 iżda għadha suġġetta għar-riservi ta' skrutinju ta' l-Istati Membri.

1.2. Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' Ordnijiet ta' Konfiska

L-għan ta' dan l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas hija li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn Stati Membri fir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet biex proprjetà tiġi konfiskata. Hija tobbliga l-Istati Membri li jirrikonoxxu u jesegwixxu fit-territorju tagħhom ordnijiet ta' konfiska maħruġa minn qorti kompetenti fi kwistjonijiet kriminali fi Stat Membru ieħor. L-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas irċeviet qbil politiku f'Ġunju 2004 iżda tibqa' suġġetta għal numru ta' riservi ta' skrutinju.

1.3. Kontroll ta' Movimenti ta' Flus Kontanti fuq Skala Kbira – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus permezz ta' kooperazzjoni doganali

Fil-25 ta' Ġunju 2002 il-Kummissjoni adottat rapport flimkien ma' proposta għal Regolament biex tintroduċi kontrolli fuq movimenti ta' flus kontanti sinnifikanti minn persuni deħlin jew ħerġin mill-Komunità. Ir-Regolament propost jikkomplimenta d-Direttivi tal-Komunità dwar Ħasil ta' Flus u jobbliga persuni deħlin jew ħerġin mit-territorju doganali tal-Komunità huma u jġorru flus kontanti jew strumenti ekwivalenti b'valur ta' €15.000 jew aktar, li jagħmlu dikjarazzjoni xierqa.

1.4. Proposta għat-tielet Direttiva dwar Ħasil ta' Flus

Il-proposta għat-tielet Direttiva dwar Ħasil ta' Flus ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2004. Il-proposta tfittex li tiżgura trattament komuni mifrux ma' l-UE għall-40 Rakkomandazzjoni ta' l-FATF kif riveduti f'Ġunju 2003. Hija tipproponi li testendi l-iskop tad-Direttiva għal min jipprovdi servizzi lill-fondi jew kumpaniji, tintroduċi kundizzjonijiet iżjed ddettaljati dwar diliġenza meħtieġa tal-klijent u identifikazzjoni tas-sid benefiċċjarju u testendi l-mekkaniżmu preventiv kontra l-ħasil ta' flus għal transazzjonijiet suspettati li huma assoċjati ma' Finanzjar tat-Terroriżmu.

1.5. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill fuq it-tpartit ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar offiżi terroristi

Il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu, fejn tinkludi l-iffinanzjar tat-terroriżmu fid-29 ta' Marzu 2004[22]. Il-Komunikazzjoni tinkludi f'Anness Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti s-servizzi involuti li jkollhom aċċess għall-informazzjoni l-iżjed sħiħa u aġġornata. Il-proposta tal-Kummissjoni twessa' l-iskop tat-tpartit ta' l-informazzjoni għall-offiżi terroristi kollha jew offiżi relatati ma' grupp terrorist magħruf fl-Istati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terrorista permezz ta' kull forma ta' l-iffinanzjar. It-tpartit ta' informazzjoni se japplika għall-istadji kollha tal-proċeduri. Għandha tintbagħat l-informazzjoni fuq offiżi terroristi fl-istadji kollha tal-proċeduri, inkluż kundanni, lill-Europol u l-Eurojust.

1.6. Proposta għal Regolament fuq informazzjoni dwar il-pagatur li takkumpanja trasferimenti ta' fondi

Il-Kummissjoni Ewropea hija mistennija li tadotta proposta għal Regolament fuq informazzjoni dwar il-pagatur li takkumpanja trasferimenti ta' fondi matul Ottubru jew Novembru ta' l-2004. Il-proposta għal Regolament timmira li tittrasferixxi ir-Rakkomandazzjoni Speċjali VII fil-liġi tal-Komunità. Hija tissuġġerixxi regoli fuq informazzjoni dwar il-pagatur li takkompanja trasferimenti ta' fondi, sabiex tiżgura li informazzjoni bażika hija disponibbli immedjatament għall-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra t-terroriżmu, biex jiġu assistiti f'xogħolhom. Dawn ir-regoli jirriżultaw f'numru ta' obbligazzjonijiet applikabbli għal kull min jipprovdi servizz ta' pagamenti involut fil-katina ta' pagamenti. Min jipprovdi s-servizz ta' pagament lill-pagatur għandu jiżgura li trasferimenti ta' fondi jinkludu informazzjoni sħiħa, eżatta u li għandha skop dwar il-pagatur. Kull intermedjarju li jipprovdi servizz ta' pagament għandu jiżgura li l-informazzjoni kollha dwar il-pagaturi li takkompanja trasferiment hija miżmuma mat-trasferiment jew li jinżammu reġistri adattati. Min jipprovdi s-servizz ta' pagament lil min jirċievi l-ħlas għandu jkollu proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju sabiex jidentifika trasferimenti ta' fondi b'nuqqas ta' informazzjoni sħiħa dwar il-pagatur u, kif xieraq, jirrapporta transazzjonijiet suspettużi lill-awtoritajiet responsabbli li jiġġieldu t-terroriżmu.

1.7. Abbozz ta' Direttiva ta' Qafas Legali Ġdid għal-Pagamenti fis-Suq Intern

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq l-abbozz tal-proposta msemmija hawn fuq li għandha tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata tar-Rakkomandazzjoni Speċjali VI tat-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja fil-liġi tal-Komunità u b'hekk tiggarantixxi l-istess bażi għal kull min jipprovdi. Ir-reġim regolatorju ppjanat għal min jibgħat il-flus mhux talli se jipprevedi reġistrazzjoni ta' min jibgħat bl-introduzzjoni ta' liċenzja speċjali ta' min jipprovdi servizz ta' pagament imma se jikkonsidra wkoll il-profil ta' riskju speċifiku tagħhom bit-twaqqif ta' kundizzjonijiet ta' superviżjoni magħmulin apposta.

---

[22] KUMM(2004) 221